oħra, ta' min jasal wasla sa Kemmuna biex jiekol ikla fenek kif taf issajru hi. U ma' l-ikla tieħu tazza nbid ta' Kemmuna li tagħtaf issajru hi. U ma' l-ikla tieħu tazza nbid ta' Kemmuna li tagħtaf qadlek fuq ix-xofftejn, u frott irqiq kemm trid, u egħnieqed talgħeneb iswed u katlan, u xi felli dulliegħa fuq kollox. Dik ħajja! Fejn sa ssib hekk barra minn darek?

Sabiħa Kemmuna bid-daħliet u r-ramliet ċkejknin tagħha, fejn tista' tqatta' s-sigħat tgħum! Hemm ir-ramla ta' Santa Marija, b'dawk is-siġar u x-xtieli tal-qasab jaslu sa tarf l-ilma; ir-ramla ta' San Niklaw moħbija fiċ-ċokon tagħha nfisha, u dik ta' Bejn il-Kmiemen, bir-ramel lewn il-fidda taħt saqajk u l-blat iniggeż fuq kull naħa u dak il-għar mudlam u iswed għaddej minn taħt Kemmunett, il-baħar nadif u l-qiegħ ċar. Sabiħ it-Torri ta' żmien is-Slaten, fejn illum qed iraqqdu l-bhejjem: minn fuqu għandek daqqa t'għajn sabiħa u l-iktar li togħġbok il-kħula tal-baħar taħtek. Illum il-ġebel qed jittiekel bir-raxx mielaħ tal-baħar, u nibet il-ħaxix fuq il-lamberżuni; imma għadha tidher il-ħofra fejn kien jidħol l-arblu tal-bandiera u l-kanali għall-ħażna ta' l-ilma tax-xita, u l-kamra fejn kienu jaħżnu l-porvli... U t-Torri għadu jifrex dellu fuq il-gżira u jħarisha bħal fl-imgħoddi...

Imma l-aktar li ssaħħrek Kemmuna bil-lejl. Toħroġ għall-qamar u taqbad it-triq tat-trinċiera u inti u għaddej ix-xewk iniggeż jaħbat ma' riġlejk, xi serp imnaffar mill-passi tiegħek jgħaddi mkaxkar minn ħdejk, u fl-aħħar tasal ħdejn it-trinċiera siekta u battala. U tixteħet wiċċek 'il fuq fuq iċ-ċint, jew tħares 'l isfel taħtek; u tissaħħar! Għal ħin wieħed tistħajjel li dawk iż-żewġt ikmamar reġgħu mimlijin bis-suldati, li dawk il-kanuni mixħutin addoċċ fl-art mill-ġdid tqiegħdu f'posthom u li inti suldat tad-Dejma qiegħed għassa tissemma' għal xi ħoss li jista' iħassbek li resqin il-ħallelin tal-baħar jew ix-xwieni tan-Nofs Qamar...

Barra dawn hemm tifkiriet oħra li ġġib miegħek minn Kemmuna. L-ismijiet tan-naħiet tal-gżira; ngħidu aħna, il-Prexxa, id-Darsa, il-ponta ta' Mnieri, il-Ponta Rqiqa u r-Raba' tas-Sitt Itmien; it-taħdit mal-bdiewa fuq kemm tiflaħ raba' Kemmuna, kemm għandhom muturi ta' l-ilma, liema ilma huwa tajjeb għax-xorb jew fein huwa salmastru seba' gradi; il-qassis li jiġi minn Għajnsielem biex iqaddsilhom f'dik il-knisja ċkejkna qalb is-siġar, u bosta u bosta tifkiriet oħra li fihom ifakkar l-isem ta' Kemmuna.

Imma kollox igħaddi u jispiċċa. U wasal il-ħin li kellna nħallu 'l Kemmuna warajna. Minn fuq il-lozzu bqajt inħares warajja nara l-gżira ċkejkna titbiegħed, titbiegħed... U llum baqgħet biss



it-tifkira! Imma xi darba, meta nkun nista', nerġa' mmur u nqatta' jumejn oħra hemmhekk. Kienet l-ewwel mawra tiegħi sa Kemmuna — l-ewwel u l-isbaħ darba! U biex nibqa' niftakar, bħalma jagħmlu t-tfal, kont ġibt miegħi u għad għandi quddiemi zokk bil-buda għall-feriti u żewġ bebbuxiet kbar minn mal-blat ta' Bejn il-Kmiemen.

---

# Holqien u Qirda

*Ta'* E. AGIUS

Jekk x'ħin bil-lejl, se' torqod,
Tiġi nemusa ħdejk,
Biż-żanżin tagħha ddejqek,
Tgħaffiġha bejn idejk,
U torqod sa filgħodu
Bla ħsieb li inti qtilt;
Iżda hekk x'ħin jisbaħ taħseb
Xi ftit fuq li għamilt.
Tara li kemm fid-dinja
Xjenzjati tista' ssib,
B'kemm għandhom għerf u għodda
Inqas biss jersqu qrib
Biex jistgħu jagħtu l-ħajja
F'ċellula waħda biss.
U int dak il-ġmiel kollu
Teqirdu mingħajr qies.

X'dinja! Il-ħolqien qiegħed
Biss fl-idejn tal-Mulej,
Waqt li għall-mewt jinqalgħu
Mqar żewġ ħmir bħalna t-tnejn.

12. 1. 45.